# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-367/11**

**Déborah Prete**
**vs**
**Office national de l'emploi**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (il-Belġju))

"Moviment liberu tal-persuni — Artikolu 39 KE — Ċittadin ta' Stat Membru li jkun qed ifittex impjieg fi Stat Membru ieħor — Ugwaljanza fit-trattament — Allowances tal-istennija favur żgħażagħ li jkunu qegħdin ifittxu l-ewwel impjieg tagħhom — Għoti suġġett għall-kundizzjoni li jkunu segwew tal-inqas sitt snin ta' studji fl-Istat ospitanti"

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-25 ta' Ottubru 2012

1. *Moviment liberu tal-persuni — Ħaddiema — Ugwaljanza fit-trattament — Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità — Artikolu 39(2) KE — Applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għall-persuni li jkunu qed ifittxu impjieg*

   *(Artikoli 12 KE u 39 KE)*

2. *Moviment liberu tal-persuni — Ħaddiema — Ugwaljanza fit-trattament — Allowance tal-istennija favur żgħażagħ li jkunu qegħdin ifittxu l-ewwel impjieg tagħhom — Għoti suġġett għall-kundizzjoni li jkunu segwew tal-inqas sitt snin ta' studji fl-Istat Membru ospitanti — Inammissibbiltà — Ġustifikazzjoni — Assenza*

   *(Artikoli 18 KE u 39 KE)*

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 21-28)

2. L-Artikolu 39 KE jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li tissuġġetta d-dritt għal allowances tal-istennija li jibbenefikaw minnhom iż-żgħażagħ li jkunu qegħdin ifittxu l-ewwel impjieg tagħhom għall-kundizzjoni li l-persuna kkonċernata tkun segwiet tal-inqas sitt snin ta' studji fi stabbiliment tat-tagħlim tal-Istat Membru ospitanti, sa fejn din il-kundizzjoni tipprekludi t-teħid inkunsiderazzjoni ta' elementi rappreżentattivi oħra li huma xierqa sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta reali bejn l-applikant għal allowances u s-suq ġeografiku tax-xogħol inkwistjoni u teċċedi, minħabba dan il-fatt, dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan segwit minn din id-dispożizzjoni u li huwa intiż sabiex tiġi ggarantita l-eżistenza ta' tali rabta.

Fil-fatt, tali leġiżlazzjoni tissuġġetta dan id-dritt għal kundizzjoni li tista' tiġi sodisfatta iktar faċilment miċ-ċittadini nazzjonali u li toħloq ir-riskju, għalhekk, li tisfavorixxi prinċipalment iċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra.

Din il-leġiżlazzjoni tkun tista' tiġi ġġustifikata unikament jekk, permezz tal-impożizzjoni ta' din il-kundizzjoni, il-leġiżlatur nazzjonali xtaq jiżgura ruħu dwar l-eżistenza ta' rabta reali bejn l-applikant għal dawn l-allowances u s-suq ġeografiku tax-xogħol inkwistjoni.

Dan ma huwiex il-każ ta' leġiżlazzjoni li ma tippermettix it-teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet li tiġi evalwata l-eżistenza ta' tali rabta, taċ-ċirkustanzi li l-applikanti għamlet użu mil-libertà ta' moviment iggarantit liċ-ċittadini tal-Unjoni permezz tal-Artikolu 18 KE, li marret tgħix fl-Istat Membru ospitanti sabiex tistabbilixxi hemmhekk ir-residenza konjugali tagħha, wara li tkun iżżewġet ma' ċittadin ta' dan l-Istat, u li tkun irrisjediet hemmhekk għal ċertu żmien, kif ukoll iċ-ċirkustanza li hija rreġistrata sa minn ċertu żmien bħala persuna li qed tfittex impjieg ma' dipartiment tal-impjieg ta' dan l-Istat Membru, filwaqt li tipproduċi provi, li kienet qed tieħu passi attivi sabiex issib impjieg hemmhekk. Fil-fatt, dawn iċ-ċirkustanzi differenti jistgħu jistabbilixxu l-eżistenza ta' tali rabta.

(ara l-punti 31-33, 40, 46-48, 50, 52 u d-dispożittiv)